Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2350

17.11.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/2350

tat-13 ta' Novembru 2025

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fir-rigward tal-Abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar l-ugwaljanza u l-intelliġenza artifiċjali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Kunsill tal-Ewropa għandu l-għan li jadotta rakkomandazzjoni biex jindirizza l-impatt tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali ("IA"), il-potenzjal tagħhom għall-promozzjoni tal-ugwaljanza, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u r-riskji li jistgħu jġibu magħhom b'rabta man-nondiskriminazzjoni (ir-"Rakkomandazzjoni"). Ir-Rakkomandazzjoni mistennija tiġi approvata mill-Kummissjoni għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri ("GEC") tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Kumitat ta' Tmexxija dwar il-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni u dwar id-Diversità u l-Inklużjoni ("CDADI"), matul is-sessjoni plenarja konġunta tagħhom f'Novembru 2025 u għandha tiġi adottata formalment mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa.

(2) Ir-Rakkomandazzjoni għan li tassisti lill-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa fil-promozzjoni tal-ugwaljanza, inkluż l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u li tipprevjeni u tiġġieled kontra kull forma ta' diskriminazzjoni, fl-attivitajiet kollha tagħhom u dawk tal-atturi pubbliċi u privati tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-IA. Ir-Rakkomandazzjoni tiffoka fuq l-ugwaljanza u l-intelliġenza artifiċjali u, filwaqt li mhijiex strument ta' implimentazzjoni, tfittex li żżomm koerenza mal-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tal-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt (il-"Konvenzjoni Qafas"), li ġiet iffirmata mill-Unjoni skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2218 ([1]).

(3) Il-Konvenzjoni Qafas tistipula prinċipji u obbligi ġenerali li l-partijiet għall-Konvenzjoni Qafas jenħtieġ li josservaw biex jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija, u tal-istat tad-dritt fir-rigward tal-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-IA. Il-Kummissjoni pproponiet li l-Unjoni tikkonkludi l-Konvenzjoni Qafas. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill għall-konklużjoni tal-Konvenzjoni Qafas tinsab fil-proċess li tiġi adottata mill-Kunsill.

(4) Fit-13 ta' Ġunju 2024, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw, abbażi tal-Artikoli 16 u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), li jistipula regoli armonizzati, ġeneralment ibbażati fuq armonizzazzjoni sħiħa, li jirregolaw l-introduzzjoni fis-suq, it-tqegħid fis-servizz u l-użu tas-sistemi tal-IA fl-Unjoni. Dawk ir-regoli huma direttament applikabbli fl-Istati Membri, sakemm ma jkunx espliċitament previst mod ieħor.

(5) Il-Konvenzjoni Qafas trid tiġi implimentata fl-Unjoni esklużivament permezz tar-Regolament (UE) 2024/1689 u ta' partijiet rilevanti oħra tal-*acquis* tal-Unjoni, fejn applikabbli.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2218 tat-28 ta' Awwissu 2024 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt (ĠU L, 2024/2218, 4.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2218/oj).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) (ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj).

(6) Ir-Rakkomandazzjoni mhijiex legalment vinkolanti għall-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa. Ser ikollha l-kapaċità li tipproduċi effetti legali, jiġifieri fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/1689, fejn ikollha l-kapaċità li tinfluwenza b'mod deċiżiv il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikoli 40(3) u 56(1) ta' dak ir-Regolament. Għaldaqstant, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni dwar ir-Rakkomandazzjoni fis-sessjoni plenarja konġunta tal-GEC u s-CDADI, kif ukoll fil-Kumitat tal-Ministri. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rakkomandazzjoni jew strument oħra li jistgħu jiġu adottati fil-futur taħt l-awspiċji tal-Kunsill tal-Ewropa jew f'fora internazzjonali oħra.

(7) Il-kamp ta' applikazzjoni personali u materjali tar-Rakkomandazzjoni jikkoinċidi, fil-biċċa l-kbira, mar-Regolament (UE) 2024/1689, li jistabbilixxi regoli għall-IA li b'mod ġenerali huma bbażati fuq armonizzazzjoni sħiħa fl-Unjoni.

(8) Jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura li r-Rakkomandazzjoni tkun konsistenti mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mar-Regolament (UE) 2024/1689. Għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-iżvilupp u l-użu tas-sistemi tal-IA li huma armonizzati għalkollox fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Unjoni jkollha l-għan li tiżgura li r-Rakkomandazzjoni tkun konsistenti mar-Regolament (UE) 2024/1689 u mal-prinċipji stabbiliti fil-Konvenzjoni Qafas.

(9) Dment li dawn il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati, ir-Rakkomandazzjoni tista' tiġi approvata f'isem l-Unjoni fis-sessjoni plenarja konġunta tal-GEC u tas-CDADI li hija skedata li ssir f'Novembru 2025 u tiġi adottata f'laqgħa sussegwenti fil-Kumitat tal-Ministri.

(10) Billi l-Unjoni mhijiex membru tal-Kunsill tal-Ewropa iżda l-Istati Membri kollha huma membri, il-pożizzjoni tal-Unjoni trid tiġi espressa mill-Istati Membri tagħha, li jaġixxu b'mod konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fis-sessjoni plenarja konġunta tal-Kummissjoni għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (il-"GEC") tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Kumitat ta' Tmexxija dwar il-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni u dwar id-Diversità u l-Inklużjoni (is-"CDADI"), kif ukoll fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Ministri, għandha tkun li ma jkunx hemm oġġezzjoni għall-approvazzjoni u l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar l-ugwaljanza u l-intelliġenza artifiċjali minħabba li, għalkemm mhijiex vinkolanti, ir-Rakkomandazzjoni għandha l-kapaċità li tipproduċi effetti legali fl-ordni legali tal-Unjoni, dment li ma ssir l-ebda bidla li tirrakkomanda miżuri li jkunu inkonsistenti ma', jew li jeċċedu, l-obbligi fuq il-forniturі u l-amministraturi tas-sistemi tal-IA stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2024/1689, fit-test tal-abbozz tar-Rakkomandazzjoni ([3]).

Artikolu 2

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni, li jaġixxu b'mod konġunt.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

S. LOSE

([3]) GEC/ADI-AI(2024)7rev6, Ottubru 2025.